**Għandha tingħata importanza għal nondiskriminazzjoni fl-Abbozz ta' Liġi dwar l-Amministrazzjoni Pubblika**

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) tistieden lill-Parlament sabiex jemenda l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, biex b'hekk jagħti importanza xierqa għal nondiskriminazzjoni u ugwaljanza fil-proviżjonijiet ta' din il-liġi. Il-kompitu ta' L-NCPE skont Kapitolu 456 tal-Liġijiet ta' Malta hu li tiżgura n-nondiskriminazzjoni u tippromwovi l-ugwaljanza f'bosta sferi, li jinkludu x-xogħol u l-provvista ta' prodotti u servizzi.

L-Abbozz ta' Liġi li bħalissa qed jiġi diskuss fil-Parlament jagħmel referenza għal nondiskriminazzjoni darba biss fl-*Ewwel Skeda, Kodiċi ta' Etika għal Impjegati Pubbliċi u Membri ta' Bordijiet*. It-twettiq tal-funzjonijiet b'manjiera mhux diskriminatorja huwa valur fundamentali fl-amministrazzjoni pubblika u din għandha tkun riflessa fil-leġiżlazzjoni relevanti. Filfatt, l-Att li hemm fis-seħħ bħalissa jinkludi tliet referenzi għal nondiskriminazzjoni u l-iktar importanti, l-obligazzjoni *"... biex tigi evitata d-diskriminazzjoni..."* hija inkluża fl-Artikolu 4 tal-Att li tiddiskrivi l-valuri tal-amministrazzjoni pubblika.

Fl-Att il-ġdid kif prevedut, tali obbligazzjoni għandha tkun msaħħa iktar milli mdgħajfa. Barra mill-obbligazzjoni li tiġi evitata d-diskriminazzjoni, l-Att il-ġdid għandu jinkludi wkoll d-dmir tal-ugwaljanza fuq l-amministrazzjoni pubblika sabiex tiżgura l-inklużjoni ta' gruppi soċjali differenti fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha.

Qafas leġiżlattiv li jagħti importanza suffiċjenti lill-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni huwa essenzjali biex ikun hemm amministrazzjoni pubblika li tmexxi b'eżempju f'dan il-qasam, u biex tirrispetta u tippromwovi l-valuri fundamentali ta' pajjiżna hekk kif inhuma mħaddna fil-Kostituzzjoni Maltija.